MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 28/2011

Falcon Properties Limited

Vs

John u Doris konjugi Portelli

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf hames mija u disgha u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,569.58) flimkien ma' l-interessi relattivi b'effett mit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) dovuti bhala kumpens ta' konsum ta' dawl u ilma minn fuq sub meters provizjori, stallati biex jipprovdu servizzi lill-propjeta tal-konvenuti fi Flat 1, Block B, Falcon Court, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex ghall-perjodu minn Jannar ta' l-elfejn u tmienja (2008) sa Lulju ta' l-

elfejn u ghaxra (2010) bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011).

Ra d-digriet tieghu ta’ l-erbatax (14) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu appunta l-kawza ghas-smiegh ghal nhar it-tlettax (13) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra r-risposta ta’ l-intimati li permezz taghha eccepew illi (1) It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt; (2) Illi fl-ewwel lok meta r-rikorrenti bieghet l-appartament lill-intimati, l-permessi u kontribuzzjonijiet ma kienux flokhom peress li l-appartamenti kollha taz-zewg blokok kienu qed jinqdew b’arlogg tad-dawl u ilma wiehed provizorju; (3) Illi s-sub meter in kwistjoni gie stallat mir-rikorrenti nnifisha minghajr ebda konsultazjoni ma’ l-intimati u fil-fatt dan gie stallat f’isem ir-rikorrenti stess u dan l-arlogg qatt ma gie accettat mill-intimati; (4) Illi ghalhekk l-ammont li qed jigi pretiz mir-rikorrenti ma huwiex cert, likwidu u dovut u dan peress li l-intimati qatt ma raw l-ebda kont tad-dawl u ilma u r-rikorrenti l-anqas qatt ma taw spjegazzjoni ta’ minn fejn johorgu dan il-konsum u kontijiet; (5) Illi l-intimati mhux talli ma ghandhom l-ebda obbligu li jhallsu l-ammont pretiz, izda talli huma ghandhom dritt ghad-danni sofferti minnhom u minhabba l-fatt illi r-rikorrenti kisret il-kuntratt ta’ bejgh meta trasferiet propjeta mhux konformi mal-permessi kif obbligat ruhha u baqghet qatt ma ghamlet arlogg tad-dawl u ilma regolari f’isem l-intimati bil-konsegwenza illi l-intimati kemm-il darba sofrew qtugh ta’ l-elettriku u danni fl-appliances taghhom. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-kontro talba tal-konvenuti li permezz taghha talbu illi Falcon Properties Limited tigi kkundannata thallas is-somma ta’ elfejn hames mija u tlettax-il ewro (€2,513) sofferti mill-konjugi Portelli per konsegwenza tal-fatt li l-kumpanija attrici naqset illi tottempra ruhha mal-kuntratt datat sitta (6) ta’ Frar ta’ l-elfejn u seba (2007) meta ma provdietx propjeta koperta bil-permess u bil-*compliance certificate* mhallas, liema danni l-konvenuti jghidu li huma sostanzjati bid-dokumenti annessi mal-kontro talba.

Ra r-risposta ghal din il-kontro talba prezentata mill-kumpanija attrici fejn gie eccepit (1) Illi l-pretensjonijiet tal-konvenuti huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn fit-terminu ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; (2) Minghajr pregudizzju ghal premess ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti li in forza taghha l-attrici hija tenuta tirrezarcixxi d-danni effettivament reklamata minghandu da parti tal-konvenut; (3) illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess l-ammont tad-danni li qed jirreklamaw il-konvenuti huwa esagerat.

Sema d-diversi xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-digriet tieghu tad-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu l-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghall-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra d-digriet tieghu tat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tinghata informazzjoni ulterjuri.

Sema ix-xhieda moghtija fis-seduta ta' l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn inghataw il-kjarifiki rikjesti mit-Tribunal.

Ra d-digriet tieghu ta' l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-senteza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-kwistjoni kollha f'dan il-kaz titwieled wara l-kuntratt tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u seba (2007) li permezz tieghu l-kovenuti xtraw minghand l-atturi l-fond ossia appartament internament markat numru wiehed (1) fl-elevated ground floor level, Blokk B, Falcon Court fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex kif ahjar deskritt fuq dak l-att li gie esebit a fol. disgha u hamsin

(59) tal-process. Il-partijiet fuq dak l-att ma ghamlu l-ebda provediment ghas-servizzi tad-dawl u ta' l-ilma. Pero fil-klawsola numru sittax (16) il-partijiet komuni sal-livell tal-propjeta trasferita kellhom ikunu lesti fi zmien erba' xhur mid-data ta' l-att u l-lift jitlesta sa l-ahhar ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Ghalhekk huwa prezunt illi l-bini intier kellu jkun lest sa dak iz-zmien.

Jirrizulta pero illi l-konvenuti flimkien ma' residenti ohra ta' l-istess blokk baqghu minghajr is-servizzi tad-dawl u ta' l-ilma peress illi ma inharigx compliance certificate stante illi fl-ewwel lok kien hemm xi irregolaritajiet fuq il-faccata tal-korp tal-bini illi ma kienux jaqblu mal-permess u li minhabba f'hekk il-kumpanija attrici kellha terga tapplika ghall-permess ohra biex jigu sanzjonati dawn l-irregolaritajiet u in oltre l-kumpanija attrici thajret terga tapplika sabiex jinbnew sulari ulterjuri fuq il-korp ta' bini per konsegwenza ta' liema applikazzjonijiet ma setax jinhareg compliance certificate qabel ma' jitlestew dawn is-sulari ulterjuri li sussegwentament gew permessi mill-awtoritajiet koncernati. Dan peress illi l-compliance certificate jinhargu biss wara li tkun kompluta l-blokka kollha. Minhabba din il-problema jidher illi Emidio Azzoppardi d-direttur u azzjonist tal-kumpanija attrici rranga sabiex l-appartament ikollhom sistema provizorja ta' kurrent ta' l-elettriku u ilma. Ma' huwiex car minn fejn ezattament kien qed jigi dan is-servizz stante illi Azzoppardi ma kienx konsistenti u car f'dan ir-rigward. Fix-xhieda tieghu fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa jghid illi originarjament kien issellef id-dawl minghand huh li ghandu propjeta f'dawk l-inhawi. Jghid li sussegwentament dahhal meter fi flat fil-blokk u tahom id-dawl minn hemm. Fix-xhieda tieghu in kontro ezami moghtija fid-dsatax (19) ta' April ta' l-elfejn u tnax (2012) jghid illi l-meter gabu fil-garage u ta lil kull min kellu bzonn minn hemmhekk.

Ix-xhud rapprezentant ta' l-Awtorita ta' Malta ghal Ambjent u Ippjanar Gordon Grech jghid illi huwa mar fuq il-post sabiex jiccertifika jistax jinhareg compliance certificate u dan ma nharigx peress illi kien hemm xi irregolaritajiet li riedu jigu sanzjonati. Jghid illi l-applikazzjoni tas-

sanzjonar saret fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Jidher illi l-*compliance certificate* esebit a fol. seba u erbghin (47) tal-process inhareg fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Nuqqas ta' qbil iehor li jirrizulta huwa dwar min attwalment wahhal is-sub meters. Il-konvenuti jichdu illi wahhlu s-sub meters huma. L-attur jallega illi s-sub meter twahhal mill-konvenuti. Jirrizulta illi tlett residenti ohra illi xehdu f'dan il-process kollha kkonfermaw illi s-sub meters twahhlu minnhom u mhux minn Falcon Properties. Emidio Azzoppardi jinsisti illi s-sub meter wehel mill-konvenuti u anke inqala minnhom bla ma huwa inghata opportunita li jaqra l-konsum fuq is-sub meter u jghid illi fil-fatt huwa baghtilhom kont ghal dak l-ammont biss li rnexxielu jaqra. Mill-kumpless kollu tal-provi, t-Tribunal jemmen illi s-sub meter attwalment wehel bhal ma' wehlu l-bqija tas-sub meters l-ohra u cioe' mill-konsumaturi infushom, u f'dan il-kaz mill-konvenuti. Kieku verament wehel minn Falcon Properties u nqala minnha din ma kien ser ikollha l-ebda interess illi tahfer il-parti tal-kont relattiva ghal konsum li skont hi ma lahqitx qrat peress illi tnehhew il-meters. Fil-fatt Emidio Azzopardi jispjega illi dak li intalab bhala hlas ma jinkludix il-parti ta' l-ahhar zminijiet li huwa qatt ma qara' ghaliex tnehha l-meter. F'dan ir-rigward it-Tribunal jemmen illi Emidio Azzoppardi kien aktar kredibli kuntrarjament ghal Doris Portelli, li l-mod kif xhedet ma tantx kien konvincenti.

It-Tribunal fil-kumpless tal-provi kollha jemmen il-verzjoni ta' Emidio Azzopardi illi s-servizz li ta' meta silef id-dawl u l-ilma, kellu jithallas mir-residenti. Kieku ma kienx ser ikun hemm il-bzonn tas-sub meters ghal kull apartament. It-Tribunal ma jemminx illi l-kumpanija attrici kienet ser tintriga biex thallas kontijiet tas-servizzi bhal dak esebit a fol 81 tal-process (li jirreferi ghal dan il-korp ta' bini).

Huwa minnu illi l-problema invokata unikament is-socjeta attrici meta ma bnietx skont il-permessi u meta ghall-avvanz taghha tawlet il-process billi applikat ghal zvilup ta' zewg sulari ohra. Izda fl-ewwel lok dan xejn ma jbidel mis-

sitwazzjoni fejn r-rimedju minnha offrut ta’ servizz provizorju kien wiehed bi hlas, u in oltre jidher illi fir-rigward tal-konvenuti hija pattiet ghal dan in-nuqqas taghha. Dan peress illli ghall-ahhar perjodi ma zammitx flus peress illi nqalghu is-sub meters qabel ma qrathom. In oltre jidher illi fil-kont spjegat mahrug lill-konvenuti l-kumpanija attrici ghamlet allokazzjoni ta’ zewgt persuni u naqset is-sussidju dovut ghal meta jkun hemm zewgt persuni. Minn naha l-ohra fil-kont mahrug minn ARMS Limited, ma jidher li tnaqqas l-ebda sussidju simili. Dan ifisser li ghalhekk id-differenza batietha l-kumpanija attrici.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-konteggi maghmula mill-kumpanij attrici dwar kif din waslet ghal kalkoli taghha. Jidher illi dawn inhadmu bil-formula tal-‘Malta Utility Bill Calculator’ li hija formula korretta li tahdem skond it-tariffi vigenti. Ma hemm xejn x’jigi censurat fil-mod kif inhadem dan il-kont. Mil-kont globali kif raggunt gustament tnaqqset il-kalkolazzjoni ghal kera tal-meter fl-ammont ta’ mitejn u sittin Ewro (€260). It-Tribunal ghalhekk ihoss illi it-talba attrici fl-ammont pretiz hija wahda gustifikata. L-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data ta’ l-ittra ufficcjali esebita a fol  12 u 13 tal process.

Jifdal pero li tigi indagata l-kontro talba tal-konvenuti stante illi jekk din tirnexxi fit-totalita taghha din ghandha ixxejjen il-kreditu tal-kumpanija attrici b’mod illi l-kumpanija attrici tispicca debitrici ghal bilanc.

Jibda biex jinghad illi din il-kontro talba ma hija redatta f’termini felici xejn. Ictu oculi wiehed jifhem it-talba bhal xi talba ghal kumpens  ghaliex il-fond ma kienx originarjament kopert b’permessi adegwati. Izda jidher illi t-talba ticcentra ruhha bhala kumpens ghal appliances li allegatament inharqu minhabba li s-sistema elttrika ma kinitx kif suppost. Dan qed jigi dezunt mill-fatt illi fl-ahhar paragrafu tal-kontro talba jinghad illi d-danni huma kollha sostanzjati b’ricevuti annessi. L-ircevuti annessi huma kollha dwar appliances. Dan gie ukoll konfermat minn dak li xhedet l-attrici tul il-kors tal-kawza.

Dwar il-kontro talba l-ewwel eccezzjoni li trid tigi indirizzata hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante illi jekk din tirnexxi kull indagni fil-mertu tkun inutli.

*Izda dan it-Tribunal ihoss illi ghandu jirrimarka minn l-ewwel illi din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi. Dan in vista tat-tielet eccezzjoni moghtija illi l-ammont reklamat huwa ezegerat. Dawn iz-zewgt eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma' xulxin u gie ritenut illi anke jekk l-eccezzjoni inkompatibbli tinghata minghajr pregudizju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni din xorta ixxejjen l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-kaz klassiku f'dan ir-rigward huwa dak deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet* **Guido J. Vella vs Dr. Emanuel Cefai** *deciza fil-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn gie ritenut:-*

*Eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa ezagerat hija inkonsistenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu izda wkoll bhala kontestazzjoni tal-quantum.*

Bl-istess mod l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni jekk tinghata wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju tal-preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess, il-konvenut li jeccepixxi l-kompensazzjoni jigi li irrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici rizerva.

Ghalhekk filwaqt li gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-pagamentma kienitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi hija inkompatibblimal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni.

L-istess ragunament sar mill-Prim Awla tal-Qorti civilli fis-sentenza fil-kawza **Patrick Stains noe vs Charles Farrugia noe. deciza fit-3 ta` Ottubru 2002** fejn gie ritenut illi:-*"Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lil attur imma ma` jirrikonoxix bhala ezatta s-somma preciza jigi li jirrinunzja ghal preskrizzjoni".* Kif ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Maltacom plc vs John Scriha deciza fit-30 ta` April 2003,** fejn gie ribadit illi *"meta d-debittur jallega li hu m`ghandux jaghti daqskemm il-kreditatur jippretendi minn ghandu jkun iffisser li huwa jkun irrinunzja tacitament ghal preskrizzjoni"*

Dan il-principju kien ukoll konfermat fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ta` **Vincent Buhagiar noe vs Dr. Noel Arrigo et noe** (9/Ott/2003) fejn il-Qorti qalet :- *"il-kontesstazzjoni tal-ammont mitlub twassal ghal interuzzjoni tal-preskrizzjoni u kwindi ghal rinunzja tal-istess".*

Sentenza ohra fuq l-istess linja hija dik deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb** deciza fl-istess data cioe fid-9 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti qalet hekk:- *Kif intqal diversi drabi mill-Qrati taghna, ikun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni u kwindi rinunzja ghall-istess meta d-debitur ma jichadx lihu debitur, izda jikkontesta l-ammont li jkun gie mitlub ihallas.* Il-Qorti tal-appell f'sentenza moghtija fis-16 ta` Frar 2004 fl-ismijiet **Alumnium Ltd. Vs Earli Ltd** waslet ghall-istess konkluzzjoni u f'sentenza wahda rrikapitolat dan il-principju meta qalet:- *"eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa essegerat jew eccezzjoni tal-kompensazzjoni huma inkompatibli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni".*

Sentenzi ohra f'dan is-sens huma is-segwenti **Maryrose Tabone nee` Stellini vs Silvio Vassallo propio et noe** deciza fl-24 ta` Marzu 2004 fejn il-Qorti qalet hekk:- *Hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-*

*konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita` ta' dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha.*

*Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu".*

*Gie sewwa ritenutilli fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri. Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni.*

Kif ukoll is-sentenza moghtija fil-kawza **Ramel u Zrar Ltd. Vs Mixer Ltd**.**et** deciza fit-22 ta` April 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti civili u finalment ukoll is-sentenza moghtija fit-28 ta`April 2004 fl-ismijiet **Peter Busutill vs Public Broadcasting Services Ltd.** fejn il-Qorti qalet hekk:-

*<u>Jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqala' l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli.</u> Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta.*

Isegwi ghalhekk illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita, ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tigi michuda.

Fil-mertu tal-kontro talba it-Tribunal jaghmilha cara minn l-ewwel illi fil-kumpless tal-provi kollha ma jemminx illi din il-kontro talba hija wahda genwina. Ghal kuntrarju jemmen illi din hija talba ifformulata ghall-okkazjoni biex l-konvenuti jippruvaw ixejnu it-talba attrici.

It-Tribunal a sua sponte talab lil Doris Portelli sabiex tispjega kif graw il-hsarat. Din qalet illi l-appliances inharqu ghaliex ta' spiss kien imur id-dawl billi kienet ittir il-plakka li minnha kienu jiehdu l-provvista l-appartamenti. Dan it-Tribunal kif presedut ghandu l-vantagg illi ghandu gharfien tas-sengha elttrika u ta' stallazzjonijiet domestici. Ma jistax semplicament ghaliex ittir plakka minhabba load, jinharqu l-appliances. Sabiex jinharqu appliances irid ikun hemm jew power surge li normalment tirrizulta minn hsarat fis-sitema distributorja tal-Korporazzjoni Enemalta, jew altrimenti sabiex tirrizulta mill-plakka irid ikun hemm hemm loose connection. Loose connection tigi normalment notate qabel ma tilhaq issir il-hsara, u ma hux normali li loose connection taghmel hsara f'forn jew geyser ghalkemm tista  taffettwa computer jew television. In oltre sabiex taffettwa set tat-televizjoni dan irid ikun mixghul  u l-mod kif tibda timmarka l-istampa qabel ma' tigri l-hsara taghti cans ampju lill-individwu jitfi s-sett tat-televizjoni u jevita l-hsara. F'kaz ta' hsara, tali hsara tkun normalment riparabbli. Zda l-anqas saret xi alleggazzjoni ta' xi loose connection. L-unika allegzzjoni li saret hi li l-hsara grat ghaliex kienet ittir il-plakka. Allegazzjoni li teknikament difficcli biex tigi emmnuta.

In oltre it-tribunal josserva illi l-konvenuta tghid illi inharqula zewg settijiet tat-televizjoni. Produciet ricevuta ta' sett ta' televizjoni wiehed (dik a fol 17) li tmur lura ghas-sena 2009 (it-Tribunal qieghed jipprezumi li tali rcevuta tirreferi ghal sett ta' televizjoni ghaliex l-anqas huwa car ghal x'hix tirreferi).

L-ebda ricevuta ma giet kkonfermata minn min harigha. Jista jkun illi tali oggetti inxtraw ghal banda ohra specjalment meta ricevuti bhal dik a fol 58 jindikaw indirizzi ohrajn. Ricevuti bhal dik a fol 18 ma tantx hu ta' min jattribwilhom kredibilita meta min harighom nehha l-

parti ta’ fuq fejn jidher ismu jew il-kumpanija tieghu. Barra minn dan jigi osservat illi tali ricevuta la fiha firem u l-anqas indikazzjonijiet ta’ hlas. Di piu l-anqas jirrizulta hix stima, invoice, jew ricevuta. Il-veracita ta’ l-ircevuti esebiti tkompli tiddallam meta a fol 19 il-konvenuti esebew ricevuta ghal washing maschine u cooker fl-ammont ta’ seba’ mitt ewro mahruga minn Genral Gas Ltd. bid-data ta’ l-14 ta’ Ottubru 2010; imbaghad a fol 58 esebew ricevuta ohra bl-istess data mahruga minn persuna ohra totalment differenti ukoll ghal washing maschine u cooker. A fol 57, il-konvenuti esebew ukoll ricevuta ohra datata 24 ta’ Meju 2007 minn kumpanija totalment differeni li tinkludi wkoll cooker. F’cirkostanzi bhal dawn it-Tribunal jissuspetta hazin u ghalkemm huwa ezentat mill-produzzjoni ta’ l-ahjar prova ma jistax ma jqis bhala necessarja sine qua non l-konferma ta’ l-ircevuti minn min harighom. In oltre l-original ta’ dawn l-ircevuti qatt ma ntwera lit-Tribunal. Il-haddiema li semmiet Doris Portelli li ikkonfermawlha illi t-televisions ma jissewwewx qatt ma gew prodotti. Joseph Grech l-electrican tal-konvenuti qal illi l-unika haga li sewwa kien meta bidel il-filament tal-geyser; dan meta l-konvenuta allegat li nharaq il-geyser intier. Ix-xhud Grech spjega illi filament ta’ geyser huwa komuni illi jinharaq, jghid “filament ta’ geyser facli li jinharaq’.

Fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal jemmen illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti ma gewwx ippruvati u huma nfondati; b’mod illi ma jisthoqqx illi jigu akkolti. Mhux ghalhekk ser jindaga fl-eccezzjonijiet l-ohra moghtija.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta’ elf hames mija u disgha u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,569.58), bl-imghax mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011). Fl-istess waqt jaqta u jiddeciedi l-kontro talba tal-konvenuti billi jichad l-istess kontro talba. L-ispejjes tal-process kollu cioe’ kemm it-talba kif ukoll il-kontro talba jkunu kwantu ghal 7/8 ghal konvenuti u 1/8 ghall-attur

innifsu u dan stante ir-rigett ta’ l- eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija fil-kontro talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------